5 ta' Marzu, 1945.

**Imħallef :**

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

Emmanuela Taljana *versus* L-istess Francesco Taljana (*)

**Separazzjoni Personali — Ċitazzjoni — Kawżali — Adulterju — Inġurji — Motivi oħra skond il-Liġi.**

*Il-Qorti ma tistax f'kawża ta' separazzjoni personali tieħu konjizzjoni ta' l-akkuża ta' adulterju li tissemma fit-trattazzjoni tal-kawża, imma ma hix dedotta bħala kawżali fiċ-ċitazzjoni; u dan avvolja fiċ-ċitazzjoni tiġi wżata l-frażi "u għal motivi oħra skond il-liġi".*

*Meta r-raġel ikollu intimità ma' mara oħra b'ċerta notorjetà, dik il-ħbiberija tikkostitwixxi inġurja gravi li toffendi l-amor propju tal-mara u s-sentimenti ta' mara miżżewġa, li tiġġustifika t-talba għas-separazzjoni personali.*

L-attriċi fit-taħrika qalet li, wara li tkun premessa kwalunkwe neċessarja dikjarazzjoni u mogħti kull provvediment opportun, billi l-konvenut irrenda ruħu ħati versu lejha għal minaċċi, sevizzji u nġurji gravi, u għal motivi oħra validi fil-

(*) Ceduta fl-Appell, 30. 4. 45.

ligi li jirriżultaw matul it-trattazzjoni tal-kawża, (1) tigi dikjarata bejn il-kontendenti s-separazzjoni personali, u hi tiġi awtorizzata tgħix separata minn żewġha, (2) tkun pronunzjata d-dekadenza tad-drittijiet kontemplati fl-art. 55 u 57 ta' l-Ordinanza I ta' l-1873; (3) il konvenut iħallas pensjoni alimentarja lilha fil-kwantità u bil-modalità li tistabbilixxi din il-Qorti; (4) jkun deċiż u dikjarat li l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-kontendenti spiċċat. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk li nkorriet fis-Sekond'Awla ta' din il-Qorti;

*Omissis;*

Il-Qorti tosserva li f'din il-kawża, għalkemm l-attriċi ressqet diversi xhieda biex tipprova li l-konvenut żewġha kellu xi relazzjonijiet ma' ċerta................, il-Qorti ma tistax tieħu konjizzjoni ta' l-akkuża ta' l-adulterju li l-attriċi fis-smiegħ tal-kawża għamlet kontra l-konvenut; għaliex fil-kawżalijiet l-adulterju mhux imsemmi, u l-frażi "motivi oħra jkond il-ligi" miżjuda mal-kawżali hija tant vaga li ma tissoddisfax il-vot tal-ligi, u l-Qorti ma tistax tikkunsidraha bħala indikazzjoni suffiċjenti tal-kawżali ta' l-adulterju; salva l-influwenza li jistgħu jkollhom il-provi li saru għall-finijiet tal-kawżalijiet l-oħrajn;

Mill-kumpless tal-provi rriżulta soddisfaċentement li l-imħarrek diversi drabi sawwat, anki per mezz ta' daqqiet ta' sieq, lill-attriċi........... L-attriċi kienet tagħmel osservazzjonijiet lill-imħarrek fuq li kien jiddawwar fil-għaxija jew kien joqgħod barra mid-dar, u għalhekk kien ikollhom it-tilwim. Meta tikkunsidra li l-imħarrek kellu libiberija intima ma' ċerta 'barmaid'............. ir-rimostranzi li l-attriċi kienet tagħmillu jidhru li kienu ġustifikati. U' tabilħaqq, dik l-imġieba ta' l-imħarrek bin-notorjetà li kellha kienet tikkostitwixxi ingurja gravi li kienet toffendi l-amor proprju ta' l-attriċi u s-sentimenti ta' mara miżżewġha. Il-Qorti tosserva li l-insinwazzjonijiet li għamel l-imħarrek kontra l-attriċi........ ma ġewx konfortati minn ebda prova serja........... Għalhekk it talba għas-separazzjoni hija ġustifikata; iżda fil-fehma tal-Qorti ma hemmx lok għall-applikazzjoni ta' l-art. 55 ta' l-Ordinanza I ta' l-1873. Fuq il-manteniment il-Qorti tosserva...............;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tilqa' l-ewwel, it-tielet u r-raba' talba, bl-ispejjeż kontra l-imħarrek; tilqa t-tieni talba limitatament għar-restituzzjoni tad-dota u tiċħadha għall-kumplament, bl-ispejjeż mingħajr taxxa, bid-dritt tar-reġistru bejn il-kontendenti nofs kull wieħed; u għall-finijiet tat-tielet talba tikkundanna lill-imħarrek iħallas lill-attriċi f'darha sitt xelini (6s.) kuljum bil-ġimgħa bil-quddiem mil-lum.